**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kompilazzjoni Numru: 175/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Cremona)**

**vs.**

**Mohamad Alhamdan Yaser**

Illum is-7 t'April 2025

Il-Qorti:

Rat illi tressaq b'arrest Mohamad Alhamdan Yaser, iben Yaser u Yusra nee' Al Othman, imwieled is-Sirja nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), residenti ġewwa St. Michael, Flat 4, Triq is-Skiet, Marsascala, detentur ta' passaport Bulgaru numru 860093247.

Akkużat talli fil-wieħed u għoxrin (21) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-ġimghat u/jew xhur ta' qabel, dawn il-gżejjer Maltin:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw (Art. 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu (Art. 184 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ipprovda tagħrif falz (Art. 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Soqt il-vettura ta' għamla Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni ACD014 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan (Art. 15(1)(a) Kap. 65).

5. Talli saq il-vettura ta' għamla Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni ACD014 mingħajr ma' kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni (Art. 3(1) Kap. 104).

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*, u ta' dawk l-istrumenti kollha użati jew maħsuba li jiġu użati fil-kommissjoni ta' kwalunkwe reat u ta' dak kollu li ġie miksub minn tali reat, inkluż l-armi u/jew għodda li ġew użati jew li setgħu ġew użati fil-kors ta' tali reat.

Kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputat għar-reati hawn addebitati lilu jew liema minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2025 l-Uffiċjal Prosekutur qara w ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[2]

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2025 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja.[3]

Rat li matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2025, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[4]

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2025 l-imputat b'mod volontarju rreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu w wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu w jikkonsidra t-tweġiba tiegħu w jerġa lura minnha.[5]

Rat li l-imputat reġa' tenna w kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[6]

---

[1] Folio 5-6 tal-atti proċesswali
[2] Dok. A, Folio 11 tal-atti proċesswali
[3] Folio 10 tal-atti proċesswali
[4] Folio 10 tal-atti proċesswali
[5] Folio 24-25 tal-atti proċesswali
[6] Folio 24-25 tal-atti proċesswali

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu w li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ppruvati.

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 23 ta' Frar 2025.[7]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2025.[8]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[9]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputat qed jiġi akkużat talli nhar il-21 ta' Frar 2025 jew fil-ġimgħat jew fix-xhur ta' qabel huwa ffalsifika att pubbliku jew skrittura kummerċjali, xjentement għamel użu minn tali att pubbliku jew skrittura kummerċjali falza, u kif ukoll talli għamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz. Illi d-dokument iffalsifikat irriżulta li kien liċenzja tas-sewqan.

[7] Dok. B, Folio 12 tal-atti proċesswali
[8] Folio 24-25 tal-atti proċesswali
[9] Folio 24-25 tal-atti proċesswali

Barra minn dan l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli saq vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan, kif ukoll li saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tiegħu w bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[10]

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sat-23 ta' Frar tas-sena 2025.[11] Sa dakinhar il-fedina penali kienet netta w ma jinstabu l-ebda sentenzi reġistrati kontrih. Madankollu ma ġietx imressqa fedina penali dwar possibilità ta' reati li saru barra minn Malta.

2. L-imputat ammetta fi stadju ferm bikri tal-proċeduri.[12]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti kkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana w dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli

[10] Folio 24-25 tal-atti proċesswali
[11] Dok. B, Folio 12 tal-atti proċesswali
[12] Folio 24-25 tal-atti proċesswali

għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[13] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[14]

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija w ffirma l-istess.[15]

7. Illi għar-rigward l-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjoni li għalihom l-imputat qed jammetti, il-Qorti qieset li l-falsifikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tat lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li bl-

---

[13] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

[14] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

[15] Dok. C, Folio 13-14 tal-atti proċesswali

applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati w pieni in linea mad-disposti tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, il-piena li għanda tingħata hija dik tar-reat l-aktar gravi biss fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att, u ċioe "*il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha*".[16]

8. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jinstab ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni taħt l-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-ħames imputazzjoni taħt l-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta).

9. Illi sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 iġġorr magħha piena ta' "*multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena*",[17] filwaqt illi l-piena taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 hija dik ta' "*multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien*".[18]

10. Illi l-prosekuzzjoni ssottomettiet li tenut kont l-ammissjoni bikrija, il-Qorti għandha tikkonsidra li tapplika piena ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi b'erba' snin flimkien ma' multa ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600). Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jiġi deportat li hija decizjoni amministrativa li ghandha tigi indirizzata lid-Dipartiment ta' l-Imigrazzjoni. In oltre, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tissospendi għal sena l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat. Dwar it-talba

[16] Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[17] Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta
[18] Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta

għal-konfiska tal-*corpus delicti* l-prosekuzzjoni ssottomettiet li d-dokumenti relattivi diġà ġie ppreżentati fil-proċeduri odjerni.

11. Illi d-difiża abbraċjat ma' din il-pożizzjoni w qablet bis-sħiħ mal-piena ssuġġerita lill-Qorti mill-prosekuzzjoni.

12. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li pproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli w fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena w ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

14. Illi allura min hu msejjaħ biex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna kkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni w r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku w li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

15. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

"*Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm*

*ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati w għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena".*[19]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni l-Qorti tqis illi filwaqt li l-aktar piena idonea hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk tali piena karċerarja ma tkunx waħda effettiva.

In kwantu għar-raba' u l-ħames imputazzjoni l-Qorti sejra tinfliġġi l-piena ta' multa komplessiva kalibrata skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9, u dan wara li qieset illi r-reat fil-ħames imputazzjoni taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa r-reat li għalih hemm l-ogħla piena pekunjarja. Inoltre, billi ma nġabitx il-prova li dan ma kienx l-ewwel reat li l-imputat qed jinstab ħati tiegħu, il-Qorti sejra tapplika l-multa prevista fl-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104, oltre għall-iskwalifika tassattiva milli l-imputat ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan kontemplata fis-sub-inċiż (2A) tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104.

## Decide

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 28A, 183, 184, 188, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-

[19] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikolu 3(1) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lil Mohamad Alhamdan Yaser fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah, kwantu għall-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjoni għall-piena ta' **sentejn (2) priġunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal **erba' (4) snin**, kif ukoll, kwantu għar-raba' u l-ħames imputazzjoni, għall-ħlas tal-**multa** fis-somma komplessiva ta' **elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600)** li għandha titħallas fi żmien **tliet snin** mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

B'żieda mal-piena l-Qorti qiegħda tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta w tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien **sena** (1).

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, li ġie esebit mill-Prosekuzzjoni bħala dokument 'H' fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2025.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum nhar is-seba' (7) t'April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**